Minuti tal-Laqgħa Nru. 51 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 16 ta' Ġunju 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Skola Sajf
5. Ħarġa għal Għawdex
6. Attivita sportiva
7. Kumitat Amministrattiv
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri qal li għal attivita li kienet organiżżata min Puttinu Cares, il-Kunsill kien ippreżenta s-somma ta € 50. Min naħa tal-plejers li ħadu sehem fil-kompetizzjoni ġabru € 75 bejniethom. Huwa qal ukoll li kien ta rendikont lis-Segretarju ta' din l-attivita.

2.2 Il-Kunisllier Caruana semma li għal laqgħa li kienet saret tas-Sotto Kumitat huwa ma kienx informat, peress li kien avża lis-Segretarju li l-email kien inbidel u dan ma reġax bagħatlu. Is-Segretarju wieġeb li meta hu kien avżat bit-tibdil tal-email kien wara li kienet saret il-laqgħa.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li kienet waslet ittra min naħa tal-MEPA, fejn il-Kunsill kien infurmat li se tkun estiża s-Civic Amenity site li hemm fi Triq Valletta. Is-Sindku kien tal-fehma li għandu jinkiteb lil MEPA biex kif ikun se jsir dan il-proġett ikun hemm anki resurfacing tat-triq peress li din hija ta' periklu.

3.2 Is-Sindku ressaq ittra li kienet waslet min naħa tal-Parroċċa fuq l-attivitajiet li kellhom issiru għal okkażżjoni tal-festa biex il-Kunsilliera jattendu. Huwa qara l-program tal-attivitajiet.

3.3 Is-Sindku ressaq ukoll ittra li waslet mingħand is-Soċjeta Mużikali Sant' Andrija fejn talbu biex jingħataw għajnuna peress li kienu se jtellgħu kunċert tat-Tribute Band Queen. L-għajnuna tikkonsisti li jingħaaw servizz ta wardens u tindif fost oħrajn. Is-Sindku saqsa lil membri tal-Kunsill jekk huma jaqblux li dawn għandhom jingħataw għajnuna u l-membri lkoll qablu.

3.4 Is-Sindku ressaq talba li kienet ġejja min naħa tal-Union li kienet qed tgħid li s-Sinjorina Angie Refalo, kienet eliġibli biex titla minn grad 13 għal grad 11 fis-salarju tagħha. It-talba kienet tgħid ukoll li Refalo kienet ilha biżejjed żmien u kienet eliġibli għal promozzjoni. IS-Sindku saqsa li Kunsilliera preżenti jekk huma jaqblux fuq din il-promozzjoni. Il-Kunsilliera preżenti ivvuttaw b' vot unanimu biex din tingħata l-promozzjoni.

3.5 Is-Segretarju tkellem fuq artiklu li deher il-Ħadd tal-ġimgħa ta' qabel fuq il-ġurnal, Il-Mument fejn saret referenza għal Aministrazzjoni. Huwa qal li l-pagament li kien hemm imsemmi li sar seta jsir u kkwota l-liġi fejn hemm spjegat li dan jista jsir.

3.6 Il-Kunsillier Caruana sostna li dan mhux vera seta jsir u qal lis-Segretarju biex jikteb lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali u jiddiskutuha miegħu. Fl istess ħin huwa qal lis-Segretarju missu jistħi talli bagħatlu l-warden mingħajr ma nfurmah li kellu jġedded l-permess. Huwa

qal li meta għamel il-permess huwa qal lis-Segretarju li jekk iddum iktar huwa kien se jħallas għad differenza wara.

3.7 Is-Segretarju qal li huwa kellu jmexxi skont il-liġi, peress li kien irċieva telefonata anonima fuq complaints tal-iscaffolding li kellu l-Kunsillier.

3.8 Is-Segretarju saqsa lil Kunsillier Caruana, il-għala ma kellux id-diċenza jistaqsi lis-Segretarju fuq il-pagament li kien imsemmi fl-artiklu, imma minflok ħa l-informazzjoni li kellu jieħu u mar għand il-Ġurnali. Il-Kunsillier Caruana qal li din kienet biċċa tiegħu il-għala huwa għamel hekk.

3.9 Il-Kunsillier Caruana ippreżenta quddiem il-Kunsill borża bil-biċċiet tal-lakstu li huwa ġabar min Triq Sant' Andrija. Huwa qal li min dan il-lakstu qed ikun hemm ħafna u fejn jinqala qed ikompli jitħaffer. Il-Kunsillier qal li l-kuntrattur li għamel ix-xogħol m' għandux jitħallas. Is-Sindku qal li huwa kien ilu li ħa ħsieb u anki kellem lil entitajiet oħra biex jagħmlu t-testijiet fuq il-materjal. Ir-riżultat jiddetermina jekk ix-xogħol hux tajjeb jew le.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li xorta għadu jkun hemm problema fejn hemm il-parkeġġ ta Triq il-Ġdida peress li bħalissa qed ikun hemm ħafna traffiku għaddej min hemm u anki hemm periklu għar residenti. Is-Sindku semma li huwa se jkellem lil Ispettur fuq il-każ biex titieħed azzjoni.

3.11 Rigward id-Daycentre, is-Sindku qal li se ssir laqgħa mal-perit li kien qed jaħdem fuq il-proġett sabiex issir il-kordinament u jinbeda x-xogħol. Dan anki se jsir peress li skada l-kuntratt li kien sar biex issir l-użu minnu bħala Daycentre.

**4.0 SKOLASAJF**

4.1 Is-Sindku qal li din is-sena se terġa issir Skolasajf kif saret fis-snin ta' qabel, pero din id-darba se ssir fid-Daycentre peress s-sena l-oħra lill-Kunsill, Skolasajf swietlu ħafna. Din is-sena hemm proġetti oħra xi jsiru u tkun ħaġa tajba li l-ispejjeż jiġu mnaqqsa kemm jista jkun

4.2 Il-Kunsillier Caruana qal li Skolasajf ikun aħjar jekk issir fl-Iskola Primarja peress li bħala premises huwa attrezat aħjar. Is-Sindku qal lil Kunsillier Psaila biex ikellem lil xi persuna min naħa tal-Edukazzjoni sabiex issiru xi arrangamenti u Skolasajf issir hemm.

4.3 Il-Kunsillier Piscopo qal li l-iskejjel ikollhom jżommu fee peress li llum, għandhom ħafna spejjeż u allura ma jkunux jaffordjaw iżidu mal-ispejjeż addizzjonali tagħhom.

**5.0 ĦARĠA GĦAL GĦAWDEX**

5.1 Il-Viċi Sindku semma li din is-sena bħal snin oħrajn se ssir ħarġa għal Għawdex għan nies ta' Ħal Luqa. Dwar il-biljetti il-prezz se jkun jinkludi l-ispejjeż kollha, kemm il-vapur, kif ukoll l-ikel u t-trasport. Din il-ħarġa hija ppjanata biex issir fit-8 ta' Lulju.

**6.0 ATTIVITA SPORTIVA**

6.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li tista' issir attivita sportiva għal dan iż-żmien. Is-Sindku saqsa lil Kunsillier din x se tkun tikkonsisti.

6.2 Il-Kunsillier qal li tista ssir Playstation, billiards, draughts u football. Dawn jiġu organiżżati min għaqdiet differenti, bħal Klabb tal-Boċċi, Luqa St. Andrew's, Nursery.

6.3 Il-Kunsillier Caruana qal li waqt din l-attivita tista ssir tellieqa bir-roti madwar Ħal Luqa. Peress li l-Kunsillier Caruana wera interess fit-tellieqa tar-roti, s-Sindku qallu biex huwa flimkien mal-Kunsillier Camilleri jieħdu ħsieb l-attivita.

6.3 Is-Sindku saqsa lil Kunsillier Camilleri xi spejjeż se tkun qed tinvolvi din l-attivita. Huwa qal li l-affarijiet se jkunu qed jieħdu ħsiebhom għaqdiet differenti. Huwa qal ukoll li tkun ħaġa tajba jekk jiġu ivvotati € 120 biex jinxtraw it-trophies. Il-Kunsill qabel ma din l-attivita.

**Il-Kunsillier Psaila talab lis-Sindku li kien qed jippresjedi l-laqgħa biex jiġi skużat peress li kellu impennji oħra.**

**7.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV ĦAL FARRUĠ**

7.1 Is-Segretarju semma li kienu inkitbu żewġ artikli fuq il-gorund li se jintuża mit-team tal-Belt ġewwa Ħal Farruġ. Huwa semma li f' dan l-artiklu kien hemm ukoll mpinġi kif se jkun imqassam il-kumpless. Fl-istess artiklu kien hemm ukoll miktub li dan il-kumpless se jkun jista jintuża b' mod speċjali mir-residenti ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ.

7.2 Il-Kunsilli Lokali qabel ma dan il-proġett imma kien tal-fehma li tinkiteb ittra u anki jkun hemm appuntament mal-President tat-tim tal-Belt biex it-tfal ta' Ħal Luqa jkunu jistgħu jużaw il-kumpless mingħajr ma jkollhom spejjeż għal użu tiegħu.

**8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti għax xahar ta Ġunju.

8.2 Dwar il-pagament li ssemma fuq il-Ġażżetta s-Segretarku ta spjegazzjoni il-għala dan kien sar.

8.3 Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, Massa, Piscopo u Camilleri qablu mal-lista, filwaqt li l-Kunsiller Caruana ma qabilx mal-pagamenti.

**9.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet fi tmiemha t-Tnejn 16 ta' Ġunju 2011, fis-7.15 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa ta' Lulju.

Konfermati llum ______________________ 2011.

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |